# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 694/20JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Numru 456/20 fl-ismijiet:

Dr Cedric **MIFSUD** għan-nom u in rappreżentanza ta’ Trustnet Limited, soċjetà inkorporata l-Bulgarija

vs

**BITCONVERT LIMITED** (C – 86516)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Bitconvert Limited fl-10 ta’ Awwissu, 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju maħruġ kontriha għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta għaliex is-somma mitluba mhijiex *prima facie* ġustifikata u hija eċċessiva. Talbet ukoll li din il-Qorti tikkundanna lill-intimat eżekutant *nomine* jħallasha penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant *nomine* bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat in-Nota mressqa mill-intimat eżekutant *nomine* fis-7 ta' Settembru, 2020, li biha u għar-raġunijiet hemm minnu msemmijin, laqa' għat-talbiet tal-eżekutata billi qal li l-Mandat maħruġ fuq talba tiegħu għandu jibqa' fis-seħħ minħabba li l-ammont pretiż huwa mistħoqq u ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Qorti għandha tikkundannah iħallas xi penali lill-eżekutata;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti eżekutata (minn issa 'l hemm imsejħa "Bitconvert") qiegħda titlob it-tneħħija minn fuqha għal kollox tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontriha mill-eżekutant *nomine*. Hija qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas ta' penali;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li bejn l-eżekutata u l-eżekutanti *proprio* hemm arranġament li bih din tirċievi ħlasijiet minn logħob *online* minn pjattaforma jisimha "*The Change*" tal-eżekutata taħt ftehim ta' "*financial asset services*"[1]. Matul l-2019 inqalgħu xi kwestjonijiet marbuta ma' "*chargeback claims*" li għamlet tajjeb għalihom l-eżekutanti *proprio* sakemm isir l-istħarriġ ta' dawk il-pretensjonijiet minn terzi. Il-kwestjoni bejn il-partijiet hija dwar kemm jew jekk kienx hemm xi ammonti li l-eżekutata riedet trodd lura lill-eżekutanti fil-każijiet fejn l-imsemmija "*chargeback claims*" ma kinux jirriżultaw mistħoqqa u li dawn ma kinux qegħdin jintraddu lura fiż-żmien stabbilit fil-ftehim. L-eżekutanti tgħid li l-ammont imsemmi fil-Mandat huwa s-somma li l-eżekutata riedet trodd lura b'kollox;

Illi l-Mandat relattiv inħareġ kontra Bitconvert fl-4 ta' Mejju ta' din is-sena. Il-Mandat inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' tmenin elf euro (€ 80,000) bħala "rappreżentanti somom dovuti lilha (jiġifieri lil Trustnet Limited) skond ftehim ta' *financial asset services* datat 1 ta' Jannar 2019". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil sitt (6) sekwestratarji, l-biċċa

[1] Dok "E", f'paġġ. 28 sa 42 tal-atti

l-kbira minnhom banek kummerċjali. Tnejn mis-sekwestratarji ddikjaraw li ma kellhom depożitati għandhom l-ebda flejjes f'isem Bitconvert. L-eżekutant *nomine* ressaq proċeduri ta' arbitraġġ fiċ-Ċentru Dwar l-Arbitraġġ ta' Malta fit-22 ta' Mejju, 2020[2], biex jiddeduċi l-pretensjoni msemmija fil-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ, mir-rikors jidher li Bitconvert tressaq it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali maħsuba taħt l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif ingħad, Bitconvert tressaq ukoll talba għall-kundanna tal-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

A) L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. Bitconvert tibni din il-kawżali fuq is-saħħa ta' rapport[3] li jirrigwarda t-transazzjonijiet fi flus marbuta ma' logħob li għaddew bejnha u Trustnet u kumpannija oħra (li ma hijiex parti fil-Mandat) u kif ukoll fuq l-argument li, jekk hemm xi somma dovuta minn Bitconvert, din għad trid tkun determinata wara li wieħed jara x'inhi s-somma dovuta lit-tielet parti. Għalhekk, tgħid, ma hemmx dubju li l-ammont pretiż mill-eżekutant fil-Mandat ma huwiex ġustifikat mad-daqqa t'għajn;

Illi l-eżekutant *nomine* jwarrab dawn l-argumenti u jisħaq li l-ammont imsemmi fil-Mandat huwa wieħed iġġustifikat ukoll mad-daqqa t'għajn. Tfisser ukoll li l-pretensjoni tagħha ma tirrigwardax biss l-imsemmija somma imma wkoll id-danni li tgħid li ġarrbet minħabba l-imġiba ta' Bitconvert;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[4];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u

[2] ARB I. 5924/2020
[3] Dokti "A" u "B", f'paġġ. 4 – 5 tal-atti
[4] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Merċieca vs George Galea**

l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[5];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-pretensjoni li l-eżekutant *nomine* semma fil-Mandat kienet tirriżulta minn korrispondenza li kienet għaddejja bejn il-partijiet qabel inħareġ il-Mandat[6]. Huwa minnu li Bitconvert tiċħad tali pretensjoni, imma dan ma jġibx eċċessiva jew mhux ġustifikata mad-daqqa t'għajn l-istess pretensjoni. Issa l-eżekutant *nomine* jgħid li l-pretensjoni fil-Mandat tgħodd fiha d-danni li hija ġarrbet minħabba l-ksur tal-ftehim min-naħa ta' Bitconvert. Fis-sewwa, il-Qorti tqis li l-pretensjoni tad-danni mkien ma tissemma fil-kawżali tal-Mandat;

Illi l-Qorti mhijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex, kif ingħad qabel, din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi quddiem it-tribunal arbitrali li quddiemu tressaq il-każ fil-mertu. Iżda l-Qorti lanqas tara li s-somma pretiża fil-Mandat hija ta' eżaġerazzjoni tali li wieħed ma jistax jimmaġinaha fl-għamla ta' transazzjonijiet li, f'kull waqt jew ieħor, kienu jsiru bejn l-eżekutanti u l-eżekutata taħt l-arranġament li kellhom bejniethom;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutata tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant *nomine* għall-ħlas ta' penali[7];

Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista'</u> taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[8], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-

---

[5] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.**
[6] Dokti "Ħ" u "I", f'paġġ. 45 sa 50 tal-atti
[7] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[8] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**

artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[9]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[10];

Illi f'dan il-każ, fit-tieni talba tagħha r-rikorrenti eżekutata tirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8) bla ma tindika l-inċiżi speċifiċi tiegħu. Hija ssemmi tliet raġunijiet għaliex din il-Qorti jmissha tikkundanna lill-eżekutant *nomine* għall-ħlas tal-penali: i) għaliex is-somma mertu tal-Mandat "hija grossament inakkurata u mhux *prima facie* ġustifikata"; ii) għaliex l-eżekutata hija soċjetà likwida, kif l-eżekutat imissu jaf sewwa; u iii) għaliex il-proċedura tal-ħruġ ta' Mandat "m'għandhiex tintuża biex tweġġa' lill-kontro-parti u timbarazzaha mal-banek u l-awtoritajiet";

Illi l-Qorti ssib li, minħabba n-natura tagħha, il-penali trid titqies fil-qafas strett taċ-ċirkostanzi msemmija fil-liġi. Il-Qorti jidhrilha li l-ewwel u t-tielet raġunijiet imsemmija mill-eżekutata bħala raġuni għall-kundanna tal-penali mhumiex fost l-erba' kontinġenzi msemmija fl-artikolu 836(8), għalkemm jistgħu jkunu jsejsu pretensjonijiet oħrajn taħt dispożizzjonijiet oħrajn tal-artikolu 836. It-tieni raġuni jidher li tirreferi għaċ-ċirkostanza msemmija fl-artikolu 836(8)(ċ) tal-Kodiċi;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza, Bitconvert tgħid lihija kumpannija li l-qagħda finanzjarja tagħha hija likwida u serja biżżejjed tant li hija talbet mingħand l-awtoritajiet relattivi l-ħruġ favuriha ta' liċenza ta' "*virtual financial assets*". Tgħid ukoll li dan il-fatt jaf sew bih l-eżekutant *nomine*;

Illi l-eżekutat iwarrab dan l-argument tal-eżekutata u jisħaq li l-aħjar prova kienet tkun kopja tal-liċenza vantata. Jisħaq li ma nġabet l-ebda prova ta' dan. Għall-kuntrarju, iżid jgħid li d-dokumenti finanzjarji mressqa mill-eżekutata mal-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (li jirreferu għall-2018) juru li f'dik is-sena ġarrbet telf;

Illi għall-finijiet ta' din il-kawżali, il-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. L-atti tar-rikors juru li Bitconvert ma għamlet xejn minn dan kollu, u s-sempliċi dikjarazzjoni li din il-qagħda toħroġ mill-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ tal-imsemmija liċenza speċjaliżżata (li dwarha wkoll ma tressqet l-ebda prova) ma tikkostitwix il-prova meħtieġa biex issejjes

[9] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[10] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ pro et noe vs Joseph Paċe noe et***

din il-kawżali. Għall-kuntrarju, il-prova mressqa mill-eżekutant *nomine* f'dan ir-rigward[11] tixhed li l-qagħda finanzjarja tal-eżekutata tiddependi mill-"*continuing financial support of its shareholder without which there would be significant doubt about its ability to continue as a going concern as well as to realise its assets and discharge its liabilities in the ordinary course of business*". Dan il-kliem tal-awdituri tagħha huwa 'l bogħod mill-fama ta' likwidità u l-ħila finanzjarja tagħha li tħallas it-talbiet tal-eżekutanti *proprio*;

Illi, minbarra dan, ingħad ukoll li mqar jekk parti sekwestrata turi li tgawdi qagħda finanzjarja tajba, tali ċirkostanza ma jfissirx li kreditur tagħha ma jistax jinqeda bl-għodda kawtelatorji li tagħti l-liġi biex iħares pretensjonijiet raġonevoli u mhux bil-għan li tirrikatta lis-sekwestrat[12];

Illi għalhekk, l-eżekutata ma seħħilhiex turi li hemm raġuni tajba biex il-Qorti tikkundanna lill-eżekutant *nomine* għall-ħlas tal-penali mitluba. Il-Qorti qieset li diġà ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-eżekutant *nomine* kellu u għad għandu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[13]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[14];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti eżekutata, billi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontriha;

Mogħti kameralment illum, id-29 ta' Settembru, 2020.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

---

[11] Dok "K", f'paġġ. 59 – 61 tal-atti
[12] P.A. MCH **4.9.2017** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Integrated Business Systems Ltd vs Crimsonwing p.l.c.***
[13] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut**
[14] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Komunika: Avv. Davinia Cutajar – għar-rikorrenti eżekutata
Avv. Cedric Mifsud – għall-intimata eżekutanti

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)